**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum it-13 ta' Jannar 2022**

**Il-Pulizija**

**-vs**

**Ayrton Borg**

**(Karta tal-Identita' 469395(M))**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **AYRTON BORG**, bin Stephen u Mary-Anne xebba Borg imwieled Pieta' fit-3 ta' Novembru 1995 u residenti 68, Marsteve, Triq R. Caruana Dingli, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita' numru 469395(M), akkuzat talli;

Fil-15 ta' Jannar 2018 ghal habta ta' 21:00hrs gewwa Triq in-Naxxar, San Gwann ma zammx armi jew munizzjon imnizzlin taht l-Iskeda I u l-Iskeda II li jinsabu ma' l-Att, maqfulin sew f'post sigur gewwa r-residenza tieghu u naqas li jizgura li hadd hlifu ma jkollu access ghalihom u dan bi ksur tar-regolamenti 8(b) u 15(a) tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 480.02 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u/jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 5(3) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bhala pussessur ta' licenzja taht l-Artikolu 27(1) tal-Kap. 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u/jew munizzjon barra mill-fond imemmi fil-licenzja mahruga mill-Kummisarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 5(3) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bhala possessur ta' licenzja taht l-Artikolu 27(1) tal-Kap. 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li ghandu licenzja biex jzomm jew biex ikollu f'idejh arma tan-nar jew munizzjoni, ma zammx fil-kustodja tieghu l-arma u l-munizzjon b'mod li ma jkunx jistghu jigu f'idejn haddiehor u dan bi ksur tal-Artikolu 47(1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta,

Il-Qorti giet mitluba ukoll illi barra li taghti l-piena ai termini tal-Artikolu 51(9) tal-kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u cioe' l-ammunizzjon u l-bird caller u tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht l-Att dwar l-Armi ai termini tal-Kaptilu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda u d-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet dedotti, il-prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda lis-supretendent (dak iz-zmien spettur) Frank Anthony Tabone fejn xehed dwar ic-cirkostanzi li wasslu ghall-arrest tal-qua imputat, senjatament wara li nstab fil-pussess ta' bird caller kif ukoll skratac wara li gie mwaqqaf mill-pulizija waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu fl-inhawi ta' San Gwann. Is-Supretendent Tabone ezebixxa ukoll id-dikjarazzjoni ta' rifjut ta' Assistenza legali ffirmata mill-qua imputat kif ukoll l-istqarrija rrilaxxata mill-qua imputat lill-pulizija. Fl-imsemmija stqarrija, li nghatat wara li l-imputat irrifjuta l-assistenza legali, huwa jikkonferma li l-imsemmi bird caller kif ukoll skratac, li kienu fil-vettura tieghu, kienu hemm l-ghaliex xi jiem qabel huwa mar ghall-kacca u hallihom fil-vettura.

Xehdet ukoll rapprezentant tal-ufficju tal-armi li min-naha taghha ezebiet dokument li juri li l-qua imputat kellu licenzja valida ghas-sena 2019. Di piu' mill-istess dokument jidher li kellu ukoll l-awtorizazzjoni sabiex igorr u juzha zewgt armi (shotguns) wiehed tal-marka Lamber u l-iehor tal-marka Winchester ghall-kacca sa mis-sena 2014.

Mill-atti processwali jirrizulta li wara d-deposizzjoni ta' dina x-xhud il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi[1]. Wara li sar dan, il-Qorti (diversament preseduta) ordnat lill-prosekuzzjoni sabiex tipprezenta dokumentazzjoni li tirrigwarda s-sena 2018. Ghaldaqstant, in ottempranza ma dina l-Ordni, il-prosekuzzjoni regghet resqet sabiex tixhed lil rapprezentant tal-ufficju tal-armi li min-naha taghha kkonfermat id-dettaliji tal-licenzja sas-sena 2021 filwaqt li kkonfermat ukoll li fis-sena 2021 l-imputat jidher li ottjena l-licenzja ghall-arma ohra. In segwietu ghal din ix-xhieda l-prosekuzzjoni regghet ghalqet il-provi, filwaqt li d-difiza ma ressqet l-ebda prova.

Illi mill-istqarrija rrilaxxata mill-imputat odjern lill-pulizija[2] jirrizulta li l-imputat jikkonferma li nhar il-15 ta' Jannar 2018 ghad-disgha ta' filghaxija huwa gie mwaqqaf mill-pulizija gewwa San Gwann waqt li kien fil-vettura tieghu. Jikkonferma ukoll li saret tfittxija fil-vettura tieghu. Jikkonferma ukoll li fil-vettura tieghu nstabu kaxxa b'ammont ta' skratac u bird caller. Jikkonferma li dawn huma tieghu. Jispjega ukoll li huwa ghandu licenzja tal-kacca, li kien mar ghall-kacca fl-inhawi tal-Handaq xi jumejn qabel il-gurnata li gie mwaqqaf mill-pulizija u sussegwentament kien nesa l-iskratac u il-bird caller fil-karozza. Spjega ukoll li l-bird caller ma kellux batteries. Fid-dawl ta' dina l-ammissjoni mal-pulizija kjarament jirrizulta li l-imputat naqas milli jzomm munizjon f'post sigur fir-residenza tieghu kif ukoll li kien fil-pussess tal-munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-licenzja. Dawn in-nuqqasijiet saru meta l-imputat ma kienx qed igorr l-istess ghar-ragunijiet ta' kacca hekk kif awtorizzat fil-licenzja u dana tenut kont li skond l-imputat stess huwa kien mar ghal kacca jumejn qabel gie mwaqqaf u filghodu. F'dan ir-rigward il-Qorti qed tikkunsidra ukoll il-hin li l-imputat gie mwaqqaf mill-pulizija, senjatament id-disgha ta' filghaxija, li ma huwiex hin li fih normalment wiehed jikkaccja. Tenut kont dan kollu mill-provi mressqa kjarament jirrizulta li l-qua imputat kiser wahda mill-kundizzjonijiet tal-licenzja tal-armi.

Minkejja li hekk kif inghad hawn fuq, jirrizulta li l-imsemmija skratac instabu fil-bagoll tal-vettura tal-qua imputat hekk kif ammess minnu fl-istqarrija rrillaxata minnu, dina l-Qorti hija kompletament sprovista minn provi li juru li terzi persuni setgha kellhom access ghal din il-vettura partikolarment ghall-

[1] Fol. 12 tal-atti processwali.

[2] Liema stqarrija ittiehdet skond il-ligi vigenti ghaldaqstant perfettament ammissibli skond il-ligi.

bagoll tal-istess vettura. Per konsegwenza dina l-Qorti ma thossx li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-ahhar imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat.

Illi fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti kkunsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz (1) li fl-interess tas-socjeta' u s-sigurta' taghha huwa imperattiv li l-ligi li tirrigwardja l-armi tigi osservata b'mod rigoruz u l-ebda persuna ma ghandha tkun skuzata ghall-negligenza fl-osservanza tal-istess; (2) ic-cirkostanzi spjegati mill-imputat fl-istqarrija tieghu liema cirkostanzi ma humiex kontradetti minn provi mressqa mill-prosekuzzjoni, (3) il-fatt li l-munizzjoni instab barra mill-fond irregistrat wahdu u mhux akkumpanjat ma arma; (4) li ma jidhirx li dan il-munizzjoni kien qed jinzamm ghall-bejgh jew negozju; u (5) li l-prosekuzzjoni ma ressqitx provi li juru li dan munizzjoni kien ser jintuza ghal skop illegali. Il-Qorti, specjalment fid-dawl tal-ahhar erba' kundsiderazzjonijiet hawn fuq imsemmija, hija tal-fehma li l-ksur suggett tal-proceduri odjerni huwa wiehed minimu. Ghaldaqstant dina l-Qorti ser tapplika l-ewwel proviso tas-subartikolu 51(2) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u tinfliggi multa bhala piena.

Decide

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolamenti 8(b), 15(a), 91 tal-Ligi Sussidjarja 480.02 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 5(1) u (3); 27; 47 u 51(2) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lil qua imputat **Ayrton Borg** mir-raba' imputazzjoni filwaqt li qed isibu hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni u konsegwentament b'applikazzjoni tal-ewwel proviso tas-subartikolu 51(2) tal- Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanah ghall-hlas ta' multa ta' Eur. 400.

In oltre, il-Qorti, ai termini tal-artikolu 56 tal-Att dwar l-Armi kif ukoll ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali qed tordna l-konfiska tal-*corpus delicti.*

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur